**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 7 ta' Marzu 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 42/2016JVC**

**Robert Mejlaq**

**Vs**

**Carmelo Galea**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ppremetta:-

1. Illi f'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-attur xtara minghand il-konvenut il-vettura tal-marka Suzuki Estate bin-numru ta' registrazzjoni DBS 819 u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-log book li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

2. Illi l-attur akkwista din il-vettura ghal prezz ta' tlettax-il elf u tlett mitt Ewro (€13,300) liema prezz huwa hallas fl-intier tieghu lill-konvenut;

3. Illi dakinhar tal-akkwist il-konvenut Carmelo Galea kien assigura lill-attur Robert Mejlaq li l-vettura li kien qed jakkwista ghalkemm kienet seconda mano, kienet f'kundizzjoni tajba;

4. Illi recentement u cioe ghal habta tal-bidu ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) l-attur induna illi l-vettura msemmija kien fiha part nieqsa li minhabba fiha l-vettura ma kinitx ser tghaddi mit-*test* tal-VRT peress li l-mekaniks li raw il-vettura qalulu li l-magna ma kinitx qed tahdem sew minhabba in-nuqqas ta' din il-*part* msejha bhala PDF;

5. Illi ghalhekk l-attur irid jezercita d-dritt moghti lilu mill-Artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz ta' din l-*actio redhibitoria* huwa qed jitlob li jaghti lura l-vettura u fil-fatt kontestwalment ma din il-kawza huwa qed jiddepozita c-cwievet tal-vettura fir-Registru tal-Qorti u jintradd lura l-prezz kollu mhallas minnu stante li l-konvenut bieghlu din il-vettura b'difetti mohbija;

6. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet fosthom permezz tal-ittra ufficjali nru 162/2016 il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Prevja li din il-Qorti tistabilixxi u tiddikjara, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, illi fid-data tal-bejgh il-vettura tal-marka Suzuki Vitara bin-numru ta' registrazzjoni DBS 819 kellha difett li ma jidhirx illi jaghmel il-vettura mhux tajba ghall-uzu li ghalih hi mahsuba jew li jnaqqas daqshekk il-valur taghha illi l-attur ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bih;

2. Tikkundanna lill-konvenut biex irodd lura s-somma ta' tlettax-il elf u tlett mitt Ewro (€13,300) prezz imhallas mill-attur lill-konvenut ghall-imsemmija vettura.

Bl-imghax u bl-ispejjez komprizi tal-ittra ufficjali nru 162/16 u bl-ingunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li eccepixxa:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sitt (6) xhur a tenur tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal premess id-difett li l-attur qieghed jillamenta minnu u cioe' l-part maghrufa bhala PDF ma hija difett xejn imma hija xi haga li tnaqqas l-'emission' tal-gass u saret mandatarja wara li sehh il-bejgh bejn il-kontendenti. Ghalhekk meta sar il-bejgh il-vettura kienet tghaddi mill-VRT

bhalma ghaddiet qabel mal-istess vettura giet trasferita lill-konvenut. Ghalhekk fil-mument tan-negozju guridiku li qieghed jigi attakkat il-vettura kienet tghaddi liberament mill-VRT test bhalma dejjem ghaddiet sal-lum.

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti akkwista minghand certu Sergei Vella iben Francis Vella li damet biss madwar gimgha fil-pussess tal-eccipjenti qabel ma daret fuq l-attur. Kemm damet fil-pussess tieghu l-eccipjenti ma nehhielha ebda *part* u ma ghamel xejn biex il-vettura 'de quo' tkun resa difettusa fit-termini li qed jippretendi l-attur. Ghalhekk ghandhom jigu kjamati fil-kawza s-sid precedenti halli jirrispondi hu ghall-allegat difett latenti li qieghed jippretendi l-attur.

4. Illi wara tlett ijiem li l-attur ha minghand il-konvenut il-vettura in kwistjoni kien involut f'incident tat-traffiku fejn seta kien kagun tad-difett lamentat u ghalhekk fi kwalunkwe kaz minhabba l-hsara li garbet il-vettura meta kienet fil-pussess tal-attur ghaliex ma jirrizultawx l-estremi tal-artikolu 1427 tal-Kodici Civili u cioe' li l-attur jirritorna lura l-vettura lill-konvenut billi din illum garbet il-hsara u fi kwalunkwe kaz m'ghadiex fil-kundizzjoni taghha kif mibjugha.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha prezentati fl-atti.

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Frar, 2017 l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi bhala fatti l-partijiet jaqblu li l-attur xtara minghand il-konvenut nhar is-6 ta' Awwissu, 2015 (fol. 15) vettura 'second hand' Grand Vitara bin-numru ta' registrazzjoni DBS-819. Din il-vettura kienet ghaddiet ghand il-konvenut (li n-negozju tieghu huwa appuntu li jixtri u jbiegh vetturi 'second-hand') xi gimgha qabel meta nxtrat minghand certu Sergei Vella minn Zabbar Malta li xehed fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2017 (fol. 68) u kkonferma li kien biegh il-vettura lill-konvenut u li sa dak in-nhar li ghaddiet ghand il-konvenut huwa hlief *maintenance* u *service* qatt ma ghamlilha l-ebda spejjez. L-attur xtara l-vettura minghand il-konvenut ghas-somma ta' tlettax-il elf u tlett mitt Euro (€13,300). L-attur jammetti li xi ftit jiem wara li xtara l-vettura huwa kellu ncident 'bumper to bumper' fejn Ta' Pinu (liema incident gie esebit ir-rapport tieghu u r-ritratti a fol. 62 et seq). Mill-istess ritratti jidher li f'dan l-incident il-vettura sofriet xi hsarat fuq il-bumber u l-'bonnet' ta' quddiem izda mhux hsarat kbar. Jirrizulta inkontestat mill-atti li dawn il-hsarat issewwew.

L-attur isostni li ghalkemm kien innota li l-vettura kienet bdiet iddahhan huwa kien ha il-vettura ghand certu mekkanik tas-Suzuki f'Ghawdex

(ara l-affidavit tieghu u ta' missieru a fol. 17 u 23 tal-process) certu Frankie Frendo u dan kien assigura lill-attur li dak id-duhhan kien normali ghaliex il-magna tkun qed titnaddaf. Ghal-ewwel l-attur serrah mohhu izda meta ra li din baqghet taghmel l-istess cioe' iddahhan, f'Marzu, 2016 huwa ha l-vettura ghand mekkanik iehor Xavier Attard u kien f'dan il-mument li Xavier Attard infurmah li l-vettura kellha id-Diesel Particulate Filter (DPF) nieqes u li dan kien evidenti li tnehha ghax il-pajp kien iwweldjat u li kien ghalhekk li l-vettura kienet qed iddahhan hafna (Xavier Attard xehed permezz ta' affidavit a fol. 16 tal-process). Irrizulta wkoll li minghajr din il-*part* il-vettura ma tghaddix mit-test tal-VRT b'dana li ma tkunx tista' tigi mgedda l-licenzja taghha u ma tistax tintuza fit-triq. In-nuqqas ta' din il-*part* u l-fatt li minghajrha l-vettura ma tghaddix kif inhi mill-VRT (liema part skond l-attur tiswa bejn elfejn u tlett elef Euro (€2,000 - €3,000) u liema valur ma giex kontestat mill-konvenut), gie wkoll konfermat mill-espert mekkaniku mqabbad minn din il-Qorti Mario Buttigieg fir-rapport tieghu esebit a fol. 41 et seq.

Ghalkemm l-attur informa mill-ewwel lill-konvenut b'dak li kien sar jaf dwar il-*part* nieqsa u l-problemi li din kienet qed tikkawza lill-attur tant li l-vettura lanqas setghet tintuza fit-triq ghax minghajr licenzja, l-konvenut ghajr li mill-ewwel laqa' billi qallu issa nghid lis-sid ta' qabel, ma lahaq l-ebda ftehim mal-attur. Dan nonostante li skont l-iskrittura bejn il-partijiet tas-6 ta' Awissu, 2015 l-vettura kienet ghadha bil-garanzija ta' sena moghtija mill-istess konvenut.

Mix-xhieda tal-konvenut a fol. 70 et seq tal-process, ghalkemm il-konvenut ghall-ewwel cahad li kien jaf li din il-*part* partikolari kienet nieqsa mill-vettura, lejn l-ahhar tax-xhieda tieghu ma jeskludix ghal mill-anqas tlett darbiet li sakemm il-vettura damet ghandu huwa seta ha l-vettura in kwistjoni ghand l-istess mekkanic tas-Suzuki Frankie Frendo sabiex jitfilu l-bozza fid-'dash board' tal-vettura in kwisjoni li kienet tevidenzja li kien hemm il-problemi bid-'DPF'. Fil-fatt a fol. 72 fuq mistoqsija tal-Qorti stess jghid hekk:

'Il-Qorti:
Jista' jkun li mort imma biex jitfilek din il-bozza?
Xhud:
Ma neskludix, ma neskludix, ma neskludix.'

Irrizulta allura mill-atti li l-ewwel mekkanik ghand min mar l-attur bil-vettura cioe' Frankie Frendo, kien l-istess wiehed ghand min kien mar il-konvenut sabiex jitfilu l-bozza. Kien ghalhekk li meta l-attur mar ghand Frankie Frendo, qabel ma mar ghand il-mekkanik l-iehor Xavier Attard, dan gidiblu u qallu li l-vettura ma kellha xejn. Izda t-tieni darba li mar l-attur ghand Frankie Frendo dan tal-ahhar ammetta mal-attur li l-konvenut kien tah struzzjonijiet sabiex jitfi l-bozza:

*'Kien f'dan il-hin li ghidtlu li kont sejjer nkellem lil Charlie Galea minn ghand min xtrajtha. Dak il-hin dan Frendo qalilna 'Tikxfunix'. Hu kompla jghid li Charlie Galea kien ha l-karozza ghandu biex issir tiswija fuq is-sump taz-zejt. Qalli li dakinhar kien hemm bozza fuq id-dashboard tixghel u dan Galea kien geghlu biex jitfiha. Qalilna li din il-bozza kienet turi li d-DPF mhux hemm u li*

*hu qal lil Galea li dik ma tistax tintefa la darba d-DPF mhux qieghed hemm. Rega' nsista maghna biex ma nikxfuhx ma Galea dwar dak li kien qed jghidilna.*

*Irrid nghid li fuq is-sump taz-zejt Gharlie Galea kie infurmani qabel xtrajt il-karozza u jien kont naf li kienet saret tiswija fuqu qabel akkwistajt il-vettura. Dan ma kellu x'jaqsam xejn mad-DPF.'*
(affidavit tal-attur a fol. 24 u 25 tal-process)

Konsegwentement ghal dak kollu suespost nfethet din il-kawza mill-attur sabiex l-attur jezercita l-*actio redhibitoria* cioe' jitlob li huwa jirritorna l-vettura lill-konvenut u jinghata lura l-prezz li hallas ghaliha. Immedjatament mal-intavolar tal-kawza c-cwievet tal-vettura in kwistjoni gew depositati l-Qorti u l-espert tal-Qorti Dr. Jean Paul Grech irrediga rapport fejn ikkonferma lill-Qorti l-*mileage* u indikaturi ohra rilevanti tal-vettura fl-atti a fol. 25 sabiex ikun hemm konferma li l-vettura ma baqghetx tintuza.

**L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikoli 1431 tal-Kap. 16:**

Illi l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-konvenut hija dik tal-preskrizzjoni ta' sitt xhur. L-artikolu 1431 tal-Kap. 16 jaqra kif isegwi:

**'1431.** (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.

(2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

(3) Iz-zminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jinghad fl-artikolu 1407(2).'

Illi d-difett li qed jilmenta minnu l-attur huwa *part* nieqsa kompletament minn gewwa l-magna tal-vettura in kwistjoni. L-espert mqabbad mill-Qorti fir-rapport tieghu a fol. 40 et seq spjega fejn din il-*part* suppost kellha tkun fil-magna u anki ha ritratti ta' vettura ohra simili illi kellha l-apparat 'DPF' fejn ghal wiehed kien hemm tnejn fiha sabiex ikun aktar car x'tip ta' *part* wiehed qed jitkellem fuqha. Din il-Qorti ma ghandhiex dubju li ghal persuni mhux teknici fuq il-magni tal-karozzi n-nuqqas ta' din il-*part* ghandu jitqies bhala wiehed li ma jidhirx. L-attur jghid li huwa ssuspetta li kien hemm xi haga hazina meta l-vettura bdiet iddahhan. L-attur mill-ewwel mar ghand il-persuna teknika cioe' l-mekkanik tas-Suzuki f'Ghawdex bl-isem ta' Frankie Frendo. Sfortunatament ghall-attur izda, dak li ma kienx jaf l-attur kien li l-istess mekkanik kien l-istess wiehed li tefa l-bozza tad-'DPF' fuq il-magna in kwistjoni meta din kienet f'idejn il-konvenut. Irrizulta ghalhekk li l-attur anki dik id-darba gie ngannat ghaliex dan il-mekkanik sabiex jghatti xturu gideb lill-attur meta qallu li l-vettura ma kellha xejn w'ghalhekk l-attur ma setax ikun jaf bid-difett. Jirrizulta izda li meta l-attur ra' li l-vettura baqghet iddahhan huwa mar ghand mekkanik iehor u dan fl-ahhar induna li l-vettura kellha d-'DPF' nieqes. Mill-affidavit ta' dan il-mekkanik cioe' Xavier Tony Attard (fol. 16) jirrizulta li dan kien f'nofs Marzu tas-sena 2016. Kien wara dan kollu li Frankie Frendo

l-mekkanik l-iehor ammetta x'kien talbu jaghmel il-konvenut qabel ma l-vettura nbieghet lill-attur. Ix-xhieda ta' Xavier Tony Attard bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-konvenut u giet korroborata mill-attur u missieru. Ghalhekk il-Qorti tqis li bla ebda dubju l-attur skopra d-difett mohbi fil-vettura f'Marzu tas-sena 2016 u mhux qabel. Il-kawza odjerna nfethet fis-27 ta' Mejju, 2016 u cioe' ben entro t-terminu ta' sitt xhur imposti fil-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-raguniijet seusposti tqis li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut ai termini tal-artikolu 1431 tal-kap. 16 mihiex gjustifikata u jisthoqq li tigi michuda.

**It-tieni eccezzjoni:**

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut issostni li dak li l-attur qed jinsisti li huwa mandatarju bil-ligi cioe' dik li l-vettura jrid ikollha l-apparat 'DPF' sabiex tghaddi mill-'VRT', skont il-konvenut, hija regolament li dahal wara li l-vettura giet mibjugha lill-attur. Il-konvenut da parti tieghu ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni. L-espert mekkaniku mqabbad mill-Qorti irrelata dwar dan fir-rapport tieghu a fol. 40 et seq tal-process kif isegwi:

'Illi d-*diesel particulate filter (DPF)* jinsab fuq vetturi li huma mghamra bil-fuel diesel u li ghandhom magna li huma ta' tip Euro five (5). Illi ntant il-magna tal-vettura odjerna ta' ghamla Suzuki Vitara ghandha magna li hija Euro five (5) diesel engine. Intant il-Euro five (5) diesel engines bdew jigu manifatturati mis-sena elfejn u disgha (2009). Illi dan gie kkonstatat ukoll mis-sit illi jghid, *The exhaust emissions standards for new cars have effectively required fitment of a DPF in the exhaust of diesel cars*

*since 2009 when the 'Euro 50' standard came into force. In fact, many cars registered before 2009, will have had one fitted too in anticipation of the change in standards . . . . .*

Illi skont ir-regolazzjoni tal-Unjoni Ewropea (2009/40/EC) kull vettura li tahdem b'sistema diesel u li hi b'Euro erbgha (4) jew aktar ghandha tkun mghammra b'dan il-filter maghruf bhala DPF. Illi ghaldaqstant huwa obbligatorju li magna jkollha dan it-tip ta' *filter*. Illi jekk dan il-filter ma jkunx imwahhal meta sid tal-vettura jmur ghal-ezami tal-VRT il-vettura ma tghaddiex mill-istess ezami. Illi jidher illi huwa fil-fatt hekk li gara f'dan il-kaz li qed jigi allegat mill-attur u dan ifisser illi meta l-istess attur ha l-vettura gewwa garaxx ghall-ezamijiet, irrizulta *fault* fil-magna tal-vettura u ghaldaqstant l-istess vettura ma ghaddietx mill-ezami. La darba vettura ma tghaddix mill-ezami odjern kemm il-licenzja u lanqas l-assikurazzjoni ma jkunux jistghu jigu mgedda ghas-sena kurrenti.'

Illi l-Qorti vverifikat li d-direttiva tal-Unjoni Ewropea 2009/40/EC li appuntu tirregola l-bzonn tad-'DPF' minhabba l-emissjonijiet ta' vetturi partikolari dahlet fil-Ligi Maltija permezz tal-Avviz Legali 49/2012 datat 3 ta' Frar, 2012 u giet effettiva fit-totalita' taghha minn Jannar, 2013. Il-konvenut biegh il-vettura lill-attur f'Awwissu, 2015 u ghaldaqstant il-konvenut mhux gjustifikat meta jeccepixxi li r-rekwizit tad-'DPF' sabiex vettura tghaddi mill-'VRT' dahal fil-Ligi Maltija wara Awwissu, 2015.

Il-Qorti ghaldaqstant in vista tas-suespost ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

**It-tielet eccezzjoni u t-talba ghall-kjamata fil-kawza:**

Illi t-talba ghall-kjamata fil-kawza tas-sid precedenti Sergei Vella gia giet michuda minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat 25 ta' Jannar, 2017 (fol. 60 tal-process).

Illi in oltre fir-rigward tal-bqija tat-tielet eccezzjoni l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-istess konvenut (gia kwotat aktar il-fuq) li ghal tlett darbiet, meta mistoqsi minn din il-Qorti jekk kienx hu li talab lill-mekkanik sabiex jitfilu l-bozza li juri li kien hemm problema bid-'DPF', huwa ma eskludiex. Minn naha l-ohra x-xhieda tal-attur li l-istess mekkanik kien kixef lill-konvenut meta talbu sabiex jitfilu l-bozza in kwistjoni bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-istess konvenut. In vista ta' dan kollu l-Qorti hija sodisfatta sal-grad ta' prova rikjest mil-ligi li l-konvenut kien jaf ben tajjeb bid-difett tad-DPF u li prova jahbi tali difett mix-xerrej prospettiv tal-vettura li nzerta kien l-attur. Din il-Qorti lanqas tista teskludi li effettivament inqalghet il-*part* kompletament fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess sabiex ma tibqax tixghel il-bozza jew li l-konvenut kien ben avzat minn Sergei Vella li l-vettura in kwistjoni kellha dak id-difett. Dan ghaliex meta l-konvenut cempel lill-attur dan irrispondih billi qallu inti taf ben tajjeb xi xtrajt (ara x-xhieda tal-attur).

Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

**Ir-raba' eccezzjoni:**

Illi r-raba' eccezzjoni tal-konvenut taqra kif isegwi:

'Illi wara tlett ijiem li l-attur ha minghand il-konvenut il-vettura in kwistjoni kien involut f'incident tat-traffiku fejn seta kien kagun tad-

difett lamentat u ghalhekk fi kwalunkwe kaz minhabba l-hsara li garbet il-vettura meta kienet fil-pussess tal-attur ghaliex ma jirrizultawx l-estremi tal-artikolu 1427 tal-Kodici Civili u cioe' li l-attur jirritorna lura l-vettura lill-konvenut billi din illum garbet il-hsara u fi kwalunkwe kaz m'ghadiex fil-kundizzjoni taghha kif mibjugha.'

Illi ghalkemm huwa minnu li l-attur kellu incident bil-vettura in kwistjoni, l-istess attur iddikjara li dan l-incident ma kellu x'jaqsam xejn mal-magna tal-vettura kif ukoll irrizulta mir-ritratti esebiti mill-konvenut tal-incident in kwistjoni fejn deheret xi hsara fil-bonnet u l-bumper ta' quddiem. L-attur iddikjara li din il-hsara ssewwiet kollha b'parts originali u dan ma giex kontradett mill-konvenut. Mir-ritratti li ttiehdu mill-esperti nominati mill-Qorti, Dr. Jean Paul Grech (fol. 32) jirrizulta li verament jekk kien hemm xi hsara din trangat kompletament. Da parti tieghu l-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jirribatti din il-prova u jsahhah b'xi mod l-eccezzjoni tieghu li l-vettura ghandha xi hsara li b'xi mod baxxiet l-valur taghha kif mibjugha minnu lill-attur.

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm huwa minnu li l-artikolu 1430 (2) tal-Kap. 16 jaqra li jekk il-haga tispicca b'accident, it-telfa jbatiha x-xerrej, mkien mill-atti ma rrizulta li l-vettura in kwistjoni spiccat bl-accident in kwistjoni anzi jirrizultala li fil-mument li nfethet il-kawza l-vettura tant ma kinitx spiccat li c-cwievet taghha gew depozitati l-Qorti u l-kundizzjoni taghha hija ben cara mill-atti u ma jidher li ghandha l-ebda hsara kif qed jallega l-konvenut li taffettwa l-valur taghha.

Il-Qorti ghar-ragunijiet suesposti ser tghaddi wkoll sabiex tichad ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut.

**Mertu:**

Illi fil-mertu din il-Qorti tqis li l-attur irnexxielu jiprova sal-grad rikjest mil-ligi illi fid-data tal-bejgh il-vettura tal-marka Suzuki Vitara bin-numru ta' registrazzjoni DBS 819 kellha difett li ma jidhirx u cioe' kellha l-*part* maghruf bhala 'DPF' kompletament nieqes mil-magna taghha. In-nuqqas ta' din il-*part* wassal sabiex il-vettura ddahhan konsiderevolment u sabiex il-vettura ma tghaddiex mit-*test* tal-VRT bir-rizultat li la l-licenzja taghha u lanqas l-assikurazzjoni ma jistghu jigu mgedda. Dan ifisser li l-vettura ma tistax legalment tinstaq fit-triq u cioe' ma tistax tintuza ghall-iskop li ghaliha nxtrat. L-attur xehed li l-*part* in kwistjoni tiswa bejn l-elfejn (€2,000) u t-tlett elef Euro (€3,000) (mhux kontradett mill-konvenut) u ghalhekk meta wiehed iqabbel tali spiza mal-prezz kollu li huwa hallas ghall-vettura l-attur qies li ghandu jezercita l-*actio redhibitoria* billi jaghti l-vettura lura lill-konvenut u jintraddu lura l-flus li hallas cioe' s-somma ta' tlettax-il elf u tlett mitt Ewro (€13,300). Il-Qorti tqis li difett li sabiex jitranga jiswa daqs kwart il-prezz li l-attur hallas ghall-vettura certament inaqqas il-valur tal-vettura tant li l-attur kieku kien jaf ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz ferm izghar ghaliha li kieku kien jaf bih. Il-Qorti tqis ukoll li gie ampjament pruvat lilha li l-konvenut kien jaf ben tajjeb li l-vettura kellha difett u dan hbieh, bl-ghajnuna tal-mekkanik Frankie Frendo, mill-attur meta biegh il-vettura lill-attur.

Illi s-somma ta' tlettax-il elf u tlett mitt Euro (€13,300) li l-attur isostni li

hallas lill-konvenut ghall-vettura in kwisjtoni ma gietx kontradetta u hija wkoll evidenzjata mill-iskrittura a fol. 15 tal-process.

Ghaldaqstant l-Qorti tqis li t-talbiet attrici gew sufficjentement pruvati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u tghaddi sabiex:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi fid-data tal-bejgh il-vettura tal-marka Suzuki Vitara bin-numru ta' registrazzjoni DBS 819 kellha difett li ma jidhirx illi jaghmel il-vettura mhux tajba ghall-uzu li ghalih hi mahsuba jew li jnaqqas daqshekk il-valur taghha illi l-attur ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bih;**

**2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut biex irodd lura s-somma ta' tlettax-il elf u tlett mitt Ewro (€13,300) prezz imhallas mill-attur lill-konvenut ghall-imsemmija vettura.**

Bl-imghax mid-data tal-hlas shih tal-vettura cioe' d-data tat-12 ta' Awwisu, 2015 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenut inkluz tal-esperti.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur